MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 6/2005/1

Pawla Cachia

Vs

Theresa MIcallef

Il-Board,

Ra ir-rikors ippresentat fid 19 ta’ Jannar 2006 fejn ir-rikorrenti Pawla Cachia sahqet illi hija tikri bi qbiela lill intimata Theresa Micallef “ir-raba fl-inhawi ta‘ Wied Qirda limiti ta‘ Haz-Zebbug” versu l-qbiela ta‘ tlett liri u nofs (Lm3.50) fis-sena liema tithallas kull 15 ta‘ Awissu.

Ir-rikorrenti, li qalet li hija sid tar-raba fuq deskritta, sahqet illi r-raba qed tinhadem minn certu Nazzareno Curmi minghajr ma gie mitlub il-kunsens taghha u dana Nazzareno Curmi m’huwiex membru tal-familja ta’ l-intimata.

Illi ghalhekk, ir-rikorrenti talbet lill dana il-Bord sabiex tordna l-izgumbrament tal-imsemmija intimata mir-raba fl-inhawi ta’ Wied Qirda, limiti ta’ Haz Zebbug.

Illi, sussegwentement, permezz ta’ talba maghmulha seduta stante fit 23 ta’ Frar 2009 u milqugha dakinhar stess, ir-rikorrent sahqet ulterjorment illi l-intimata ghamlet hsara jew halliet li ssir hsara fil-hitan tal-ghalqa, fil-bir u fil-kamra li hemm fl-ghalqa kif ukoll illi l-ghalqa ma kienetx qed tinhadem.

Ra ir-risposta ta’ Theresa Micallef ippresentata fl 14 ta’ Frar 2006 fejn laqghet ghal dak mitlub billi qalet:-

Illi fl-ewwel lock Pawla Cachia kienet diga intavolat kawza kontra l-istess intimata u cioe Theresa Micallef fejn talbet lill Bord jawtorizzaha tiehu lura lpussess tal-ghalqa li hi l-istess wahda tal-kawza odjerna, fejn dan il-Bord permezz tas-sentenza datata 26 ta’ Jannar 2001 cahad it-talba taghha;

Illi sussegwentement, r-rikorrenti fethet kawza ohra, din id-darba kontra Nazzarenu Curmi, izda dan l-Onorabbli Bord fil 15 ta’ Dicembru 2004 cahad it-talba taghha billi ddikjara ruhu inkompetenti.

Illi Nazzareno Curmi huwa l-gharus tal-intimata u dawna iilhom jghixu flimkien ghal cirka ghoxrin sena

Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha stante li hi infondata fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza.

Illi l-kawza odjerna mhi xejn hlief tentattiv iehor qarrieqi ghax ir-rikorrenti triq lura l-ghalqa akkost ta’ kollox.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilveta illi l-qbiela hija ta’ tlett liri u mhux tlett liri u nofs kif trid tallega r-rikorrenti

Illi dan ir-rikors huwa frivolu stante li l-intimata ma ttrasferietx l-ebda drittijiet taghha gha; fuq Nazzareno Curmi.

Ra ir-risposta ulterjuri ippresentata mill-intimata wara li gew akkordati talbiet ulterjuri fit 23 ta’ Frar 2009, liema risposta giet ippresentata fid 29 ta’ Mejju 2009 u li fiha l-intimata qalet:-

Illi dawn il-kawzali godda tar-rikorrenti, li qed isiru f’dan l-istadju, u cioe erbgha snin wara li r-rikorrenti intavolat il-procedui u wara li s-seduta tat 23 ta’ Frar 2009 kienet intiza ghall-ahhar darba ghal provi taghha, huma intizi sabiex ir-rikorrenti tipprova triq ohra stante li ma rnexxilhiex tipprova l-kawzali taghha fil-kawza odjerna.

Illi, fi kwalumke kaz, mhux minnu li l-intimata ghamlet hsara jew halliet li issir hsara fil-hitan tal-ghalqa, fil-bir u fil-kamra li hemm fl-ghalqa.

Illi mhux minnu li l-ghalqa mhux qed tinhadem, liema kawzali hija in kontradizzjoni mal-kawzali l-ohra tar-rikorrenti fejn allegat li anzi l-ghalqa qed tinhadem minn terzi b’referenza ghall gharus tal-intimata.

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Ra l-eccezzjoni ulterjuri ta’ res judicata imressqa fl 4 ta’ Dicembru 2009.

Ra illi fl 1 ta’ Gunju 2011 dana il-Bord, diversament kompost, cahad l-eccezzjoni ta’ res gudikata imressqa mill-intimata.

Ra illi fil 5 ta’ Gunju 2006 gew ippresentati kopji tas-sentenzi moghtija minn dana il-Bord, diversament kompost, precendentement, u dawn Rikors Nru 2B/93 fl-

ismijiet ‘Pawlina Cachia vs Tereza Micallef’ moghtija fis 26 ta’ Jannar 2001 u Rikors Nru 31/02 fl-ismijiet ‘Pawla Cachia vs Nazzareno Curmi’ moghtija fil 15 ta’ Dicembru 2004.

Ra illi fil 15 ta’ Novembru 2007 gew allegati l-processi tal-fuq imsemmija zewgt proceduri, ossija Rikors 2N/93 u 31/02.

Ra ix-xhieda ta’ Nazzareno Curmi mogtija fit 28 ta’ April 2008, li tieghu kontro ezami kien riservat.

Ra l-affidavit ta’ Antoine Abela ppresentat fil 11 ta’ Mejju 2009 mir-rikorrenti, li kopja tieghu inghaddiet lill-kontro parti.

Ra ix-xhieda ta’ Theresa Micallef moghtija fis 17 ta’ Marzu 2010, li taghha l-ezami baqa’ sospiz.

Ra ir-rapport guramentat ippresentat mill-Perit Philip Mifsud mir-rikorrenti fl 20 ta’ Jannar 2012.

Sema ix-xhieda ta’ Theresa Micallef moghtija fil 15 ta’ Frar 2012 li taghha sar il-kontro ezami u gis sospiz.

Ra illi fit 2 ta’ Lulju 2012, il-partijiet qablu illi ma kellhomx aktar provi x’jippresentaw u li setghu jippresentaw is-sottomissjonjiet taghhom bil-miktub.

Ra illi fit 2 ta’ Awissu ir-rikorrenti ippresentat is-sottomissjonijiet taghha filwaqt lli fl 14 ta’ Novembru 2012 l-intimata ippresentat is-sottomissjonijiet taghha.

Ra illi fis-seduta tal 21 ta’ Novembru 2012 il-Bord iddifferixa l-kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi dana il-Bord huwa rinfaccjat bi tlett talbiet da parte tar-rikorrenti illi ghandu jikkonsidra, ossija:-

1. Illi r-raba qed tinhadem minn certu Nazzareno Curmi, li mhux membru tal-familja ta' Theresa Micallef, u dana minghajr il-permess tar-rikorrenti, u ghalhekk japplika l-artikolu 4 (2) (c) tal-Kap 199;

2. Illi Theresa Micallef ghamlet hsara lill-hitan tal-ghalqa, lill bir u lill-kamra li hemm fl-ghalqa, u ghalhekk japplika l-artikolu 4 (2) (f) tal-Kap 199

3. Illi l-ghalqa ma hijiex qed tinhadem, u ghalhekk japplika l-artikolu 4 (2) (d) tal-Kap 199.

Illi ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, wiehed mal-ewwel jintebah illi hemm kontradizzjoni manifesta fl-ewwel u fit-tielet talba, peress illi wiehed ma jistax jghid fl-istess nifs illi l-ghalqa qed tinhadem minn xi hadd iehor mhux awtorizzat u fl-istess hin illi l-ghalqa ma hijiex qed tinhadem.

Il-Bord jinnota ukoll illi t-tielet talba giet introdotta ferm wara l-ewwel talba, u dana peress illi kienet talba addizzjonali li saret fit 23 ta' Frar 2009, u ghalhekk qieghed jifhem illi, ghalkemm ma hijiex rinunzja da' parte tar-rikorrenti ta' l-ewwel talba, hija turija cara li ma hijiex qed tibbaza aktar l-kaz tagha fuq l-uzu tal-ghalqa minn terzi izda issa ser tibbaza il-kawza taghha fuq in-'non uso' tal-ghalqa meritu tal-kawza odjerna da parte tal-intimata kif ukoll fuq il-hsara illi sar lill hitan tas-sejjieh, il-bir u il-kamra.

Ikkunsidra

Illi dwar l-Artikolu 4 (2) (c) tal-Kap 199, il-Bord jaghmel referenza ghall insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "Trapani Galea Feriol vs Deguara' deciza fl 1 ta' Dicembru 2004 fejn, dwar trasferiment jew sullokazzjoni qalet li gej:-

Huwa mill-ewwel distingwibbli l-kaz, trattandosi ta' kirja ta' fond rustiku minn dak fil-kaz ta' kirja ta' fond urban billi din ta' l-ahhar skond Artikolu 9 (a) tal-Kapitolu 69, id-dritt tar-ripussess tal-fond hu koncess, f' kaz ta' sullokazzjoni jew trasferiment tal-kirja meta tali jsiru "minghajr il-kunsens

espress ta’ sid il-kera”. Kif ahjar interpretat f’ gurisprudenza affermata f’ dan l-ahhar kaz prospettat “il-ligi, precizament biex tevita l-kwistjonijiet u supposizzjonijiet ta’ approvazzjoni u kunsens tacitu, trid li l-kunsens ghas-sullokazzjoni jkun espress. Li kieku l-ligi kienet trid li semplici kunsens tal-lokatur ikun bizzejjed, kien kif kien, anki tacitu, ma kienx ikun hemm ghalfejn jinghad li l-kunsens mehtieg kien il-kunsens espress” (Kollez. Vol. XXXIV P I p 168; Vol. XLII P I p 66);
Dan il-punt qed jigi llustrat u accentwat biex jaghti rizalt lil fatt illi fil-kaz ta’ kirja agrikola l-ligi ma tirrikjedix li l-kunsens ikun espress. Li jfisser allura li f’ dan il-kaz dan il-kunsens jista’ jkun tacitu jew dezunt mic-cirkostanzi;
Precizata din l-osservazzjoni, biex wiehed jibqa’ in tema ghall-materja hawn ezaminata jinsab assodat illi s-sullokazzjoni, a differenza ta’ cessjoni ta’ drittijiet, oltre li ma tirrikjedix il-miktub ghas-sussistenza taghha “tohloq kuntratt gdid ta’ kiri, li ghalih sid il-kera principali huwa totalment estraneu u li hu nettament distint mill-kuntratt orginarju tal-kirja principlali; u ghalhekk, quddiem sid il-kera, is-subinkwilin huwa terza persuna” (Kollez. Vol. XXXIV P I p 293; “Pasquale Grech -vs- Publio Farrugia et”, Appell, 4 ta’ April 1997);
Kwantu ghal fatt tat-trasferiment tal-kirja li jsemmi d-dispost tal-ligi in diskussjoni, kif drabi ohra rilevat, dik il-lokazzjoni ma hijiex limitata ghac-cessjoni kif kontemplat fil-Kodici Civili izda ghandha konnotazzjoni aktar wiesgha u “tikkolpixxi kull forma ta’ trasferiment tal-kirja li ssir minghajr il-kunsens espress tas-sid, u ma taghmel ebda distinzjoni bejn trasferiment oneruz u gratuwitu; u konsegwentement mhux rikjest li jkun thallas xi korrispettiv biex jissussisti t-trasferiment tal-kirja kontemplat bl-Artikolu 9 tal-Kapitolu 69” – “Salvu Cutajar -vs- Emanuel Schembri”, Appell, 7 ta’ Ottubru 1996. Dan l-istess insenjament ghandu mutatis mutandis japplika ghal kaz taht l-Artikolu 4 (2) (c) tal-Kapitolu 199;
Premess is-suespost, huwa pacifikament akkolt illi “pero` hu car u ovvju illi hu s-sid li jrid jipprova dak li jallega u cjoe li l-inkwilin bla kunsens tieghu ssulloka l-fond jew itrasferixxa l-kirja. U tali prova mhux bizzejjed li tkun indizju jew probabilita`. Jehtieg li tkun univoka u kredibbli sal-punt li twassal lill-gudikant ghall-konvinciment illi l-

inkwilin ma kienx ghadu bhala fatt li juzufruwixxi mid-drittijiet lilu kompetenti bhala kerrej u li kien ghadda dawn l-istess drittijiet komprizi fit-tgawdija tal-haga lilu mikrija lil haddiehor” – “Concetta Theuma et -vs- Ir-Reverendu Dun Gwann Mercieca et”, Appell, 20 ta’ Frar 1996;

Dwar l-Artikolu 4 (2) (d) tal-Kap 199, il-Bord jaghmel referenza ghal dak li intqal fil-Qorti tal-Appell fil-kawza Markiz Joseph Scicluna vs Joseph Bezzina et 6 t’Ottubru 1999 citata b’approvazzjoni fil-kawza Fortunata Callus u zewgha Emanuel Callus vs Maria Farrugia (App Civ 20/10/2003):

“Din il-Qorti tifhem li meta l-ligi titkellem dwar uzu ta’ raba riedet tfisser illi r-raba jkun mahdum skond is- sengha biex jigi utilizzat ghall-produzzjoni tal-prodotti. Ma kienetx allura tifhem li r-raba jkun qed jigi wzat jekk sempliciment kull tant zmien tintefa` ftit zerriegha mhollija ghall-elementi. Meta hekk jigri wiehed gustament seta’ jsostni li r-raba ma jkunx qed jigi wzat imma abbuzat.

Dwar l-Artikolu 4 (2) (f) tal-Kap 199, il-Bord jaghmel referenza ghall insenjament ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet ‘Vivien Cassar Desain et vs Carmel Vella’ deciza fil 15 ta’ Lulju 2009, fejn il-Bord kien qal hekk:-

F’dan il-kuntest il-principji li jirrizultaw mill- provvedimenti tal-ligi huma li:-
• Il-kerrej ghandu obbligu li jinqeda bil-haga mikrija u jahdem ir-raba’ bhala missier tajjeb tal- familja (Art. 1554 u 1555 tal-Kodici Civili) u m’ghandux jinqeda biha b’mod li jista’ jgib hsara lil sid il-kera;
• Iwiegeb ukoll ghal “...tgharriq u ghall-hsarat li jigru matul it-tgawdija tieghu, meta ma jipprovax li dan it-tgharriq jew hsarat graw minghajr htija tieghu.” (Artikolu 1561 tal-Kodici Civili);
• Il-kerrej ghandu l-obbligu li f’gheluq il-kirja jirritorna l-haga mikrija fi stat tajjeb; • L-obbligazzjoni li ghandu l-kerrej li jirritorna lura l-haga fi stat tajjeb, hemm ukoll l-obbligu li “....li jikkunsinna l-haga, u li jikkonservaha sal-kunsinna.” (Artikolu 1126 tal-Kodici Civili).

• “Il-ligi hi severa ma min jitraskura l-obbligu li jzomm fi stat tajjeb ta’ riparazzjoni l-hitan tar-raba ghax hi konxja mill-importanza taghhom ghall- preservazzjoni tal-hamrija u bhala lqugh ghall- elementi. Timponi ghal dan in-nuqqas is-sanzjoni massima ta’ l-evizzjoni biex tassigura l-osservanza ta’ dan l-obbligu” (Carmela Aquilina vs Tereza Magro deciza fil-25 ta’ Gunju 1996).

Ikkunsidra

Illi, l-Bord ma jistax ma jinnutax, l-ewwel u qabel kollox, illi r-rikorrenti ma xehdietx fil-proceduri odjerni u strahet biss fuq dokumentazzjoni u rapport minnha esebiti kif ukoll fuq ix-xhieda tal-intimata u l-habib taghha, gia intimat f’proceduri ohra, Nazzareno Curmi, u ix-xhieda ta’ terza persuna maghrufa mir-rikorrenti, Antoine Abela.

Illi, fid-dawl tal-insenjamenti fuq imsemmija u tax-xhieda moghtija, il-Bord jifhem is-segwenti:-

Artikolu 4 (2) (c)

Dwar it-talba li Nazzareno Curmi kien qieghed jaghmel uzu mill-art de quo u li kienet giet lilu sullokata jew mikrija mill-istess intimata minghajr il-kunsens tar-rikorrenti, il-Bord jinnota illi Nazzareno Curmi, ghalkemm ma jistax jitqies bhala membru tal-familja fis-sens strett tal-Ligi, certament huwa persuna importanti fil-hajja tal-istess intimata peress illi hi u s-sur Curmi ilhom flimkien ghal dawn l-ahhar sebgha u ghoxrin sena, skond ix-xhieda tal-istess intimata.

Ir-rikorrenti, kif jipprovaw l-insejamenti fuq kkwotati, kelha turi b’mod “univoka u kredibbli sal-punt li twassal lill-gudikant ghall-konvinciment illi l- inkwilin ma kienx ghadu bhala fatt li juzufruwixxi mid- drittijiet lilu kompetenti bhala kerrej” - mill-provi prodotti, jidher car illi l-intimata qatt ma ssulokat jew tilfet xi drittijiet fil-propjeta lilha mwillija mir-rikorrenti u kull ma ghamlet, semmai, hija illi halliet lill ‘partner’ taghha jaccedi ghal-ghalqa fejn hi ukoll kienet

tmur, li hija haga ben naturali tenut kont tar-relazzjoni illi hija ghandha ma' Curmi.

Ghalhekk, l-elementi rikjesti biex japplika l-artikolu 4 (2) (c) ma jesistux.

Artikolu 4 (2) (d)

Dwar it-talba relatata man-nuqqas ta' parte tal-intimata illi tahdem r-raba de quo, il-Bord huwa sodissfatt, mill-provi prodotti mill-intimata, illi r-raba, jew ghal anqas parti minnha, li huma z-zewgt eghlieqi l-kbar u li jinsabu fil-parti t'isfel tal-ghalqa, qieghda tintuza ghal skopijiet agrikoli, u di fatti jidher mill-provi illi kien qieghed jinzera il-qamh.

Madanakolu, il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi l-intimata, fix-xhieda taghha, kemm fis 17 ta' Marzu 2010 kif ukoll fil 15 ta' Frar 2012, sahqet illi mill-ghalqa hija ma dahhal xejn u tghid li "anzi, nonfoq biss flus fiha biex niehu hsiebha".

Minkejja dan, peress illi jirrizulta ben ippruvat illi l-ghalqa de quo qieghda attwalment tintuza, l-elementi rikjesti mill-ligi biex japplika l-artikolu 4 (2) (d) ma japplikawx ghal kaz odjern.

Artikolu 4 (2) (f)

Dwar it-talba relatata mal-hsarat illi l-intimata setghet ghamel lill-propjeta' tar-rikorrenti, il-Bord ma jistax, l-ewwel u qabel, kollox, ma jinnutax illi fil-proceduri odjerni ma ngiebet ebda indikazzjoni cara tad-delimitazzjonijiet tal-propjeta tar-rikorrenti, la fir-rikors promotur, u wisq anqas mil-provi dokumentarji prodotti u lanqas il-Perit imqabbad minnha stess 'ex parte' ma kien f'pusizzjoni jindika il-delinjazzjoni tal-propjeta inniffisha.

Il-Bord ghalhekk kellu jaghmel referenza ghall-processi allegati mal-proceduri odjerni, ossija 2B/93, a fol 15 tal-

istess process, sabiex tkun tista tifhem fid-dettall dwar fuq liema propjeta il-kawza odjerna tikkoncerna.

Il-Bord jinnota illi l-propjeta’ hija divisa f’sitt bicciet, tnejn minnhom, illi huma l-akbar, kwazi fl-istess livell, filwaqt illi l-erbgha bicciet l-ohra, huma mtarrga wiehed fuq l-iehor. Jirrizulta ukoll illi l-intimata qieghda taghmel uzu miz-zewgt eghlieqi ta’ isfel, fejn dina tizra il-qamh, kif stqarret hija stess u kif jirrizulta mir-ritratti minhha stess esebti a fol 123 tal-process.

Il-Bord, madanakollu, jinnota illi l-intimata, fir-ritratti kollha minnha esebiti, naqqset milli turi dik il-parti tal-ghalqa l-imtarrga fejn hemm erbgha bicciet ohra, u di fatti r-ritratti kollha huma mehudha mill-intimata, presumibbilment, b’darha lejn l-istess erbgha bicciet. Illi naturalment, il-Bord ma jistax ma jikkonkludix illi tali fatt sar ghal raguni wahda biss, u dana peress illi tali hitan ghandhom hsarat konsiderevoli u l-ghelieqi ma humiex qed jituzaw.

Il-Bord innota illi sahansitra mit 23 ta’ Marzu 1993, kif jirrizulta f’access li sar mill-Periti Teknici imqabbda mill-Bord fil-kawza 2B/93 fl-istess ismijiet, il-Periti Teknici setghu jikkonstataw hsarat konsiderevoli fil-hitan illi jiddividu l-eghlieqi imtarrgin, liema hsarat jidher illi sa llum ghadhom hemm, u dana jirrizulta mir-ritratti esebiti a fol 81 u 113 tal-process.

Illi, waqt ix-xhieda ta’ Tereza Micallef stess, hija ammetiet illi tali hitan kienu ggarfu izda mbghad, fiwlaqt li esebiet ir-ritratti fuq imsemmija mill-Bord, indikat lill-Bord li hemm hitan imgarrfin aktar ‘l fuq illi huma propjeta tar-rikorrenti. Illi, apparti l-fatt li ma gabet ebda prova da parte tal-intimata illi tali hitan aktar ‘l fuq, jekk huma tar-rikorrenti, huma attwalment imgarrfin, il-Bord qieghed jifhem ukoll illi l-intimata xehdet b’tali mod sabiex taghti x’tifhem lill-Bord li l-hitan tal-eghlieqi aktar il-fuq, ossija dawk l-erbgha eghlieqi imtarrgin, ma kienux l-eghlieqi mikrija lill-intimata u meritu tal-kawza odjerna, izda kienu eghlieqi ohra propjeta tar-rikorrenti.

Il-Bord ma jistax ma jinnutax illi tali qerq da’ parte tal-intimata ma jistax hlief ma jwassalx il-Bord biex jikkonkludi li l-intimata taf illi hija naqqset milli tonora l-obbligu taghha illi zzomm il-hitan fi stat tajjeb kif hija obbligata taghmel u qieghda tipprova taghti tifhem lill-Bord illi hi rrangat il-hitan kollha li jirrigwardaw il-propjeta minnha uzata meta fil-fatt dana ma huwa minnu xejn.

Il-Bord jinnota illi l-obbligi fuq l-intimata li tikkonseva ir-raba, kemm fil-kultivazzjoni taghha kif ukoll fl-istruttura shiha taghha, testendi ghall-propjeta kollha lilha mwellija mir-rikorrenti, u mhux biss ghall parti biss taghha. L-intimata, mhux biss kellha l-obbligu illi tikkonserva l-propjeta lilha mikrija ‘uti bonus pater familias’, izda kellha l-obbligu illi tassikura li jekk kien qed isirilha hsara minn terzi, kif donnha qieghda tipprova tallega l-istess initmata, tara kif dina tigi rimedjata u ghalhekk ma ghandhix dritt illi tqajjem l-iskuza ta’ ‘inadempjenti non est ademplendum’ biex tiggustifika l-hsarat fil-hitan tas-sejjiegh tal-ghelieqi imtarrgin.

Illi jidher car lill Bord illi l-intimata naqqset milli ssewwi u zzomm fi stat tajjeb uhud mil-hitan tar-raba lilha mikrija, u dana gie ippruvat minghajr ebda dubju, u ghalhekk ir-ripreza abbazi tal-Artikolu 4 (2) (f) da parte tar-rikorrenti hija possibbli.

Konkluzjoni

Il-Bord,

Wara illi ha konjizzjoni tax-xhieda kollha prodotti quddiem il-Bord diversament ippresjeduta kif ukoll ir-ritratti hemm esebiti.

Wara illi rat il-processi allegati mal-process odjern fuq talba tar-rikorrenti fil 5 ta’ Gunju 2006, ossija Rikors Nru 2B/93 u 31/02, decizi rispettivament fis 26 ta’ Jannar 2001 u fil 15 ta’ Dicembru 2004.

Wara illi semghet ix-xhieda prodotti quddiema u rat ir-rapport u ritratti quddiemha ppresentati.

Wara illi rat illi l-eccezzjoni ta' res gudikata gia giet deciza minn dina l-Bord, diversament ippresjedut, fl-1 ta' Gunju 2011.

Qieghed jaqta u jiddeciedi l-kawza billi, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija:-

1. Tastejni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u tieni eccezzjoni imressqa fir-risposta datata 17 ta' Frar 2006 u tal-eccezzjoni ulterjuri imressqa fl 4 ta' Dicembru 2009, peress illi dawna gia gew decizi fis-sentenza preliminari datata 1 ta Gunju 2011;

2. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet imressqa fir-risposta datata 17 ta' Frar 2006 u fid 29 ta' Mejju 2009;

3. Tilqa t-talba rikorrenti skond l-Artikolu 4 (2) (f) tal-Kap 199 minhabba l-hsara fil-hitan tar-raba.

4. Ghal finijiet ta' zgumbrament, il-Bord qieghed jordna illi l-izgumbrament isehh il-gurnata ta' wara l-iskadenza li jmiss, ossija 15 ta' Awissu 2013.

5. Peress illi t-talba tar-rikorrenti giet milqugha fuq il-bazi tal-Artikolu 4 (2) (f) tal-KAp 199, m'hemmx lof li jigi ffissat xi kumpens ghal xi benefikati agrikoli.

Spejjez kollha kontra l-intimata

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------